VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,497, 29 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 183 tal-2025

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2025 dwar Ordni fir-rigward ta' Restrizzjoni ta' Moviment (Saħħa Pubblika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar Ordni fir-rigward ta' Restrizzjoni tal-Moviment (Saħħa Pubblika).

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 465.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa Pubblika;

"Avviż ta' Revoka" tfisser avviż li permezz tiegħu tiġi revokata Ordni maħruġa skont dawn ir-regolamenti;

"kundizzjonijiet" tfisser sett ta' regoli stabbiliti fl-Ordni fir-rigward ta' Restrizzjoni ta' Moviment (Saħħa Pubblika) maħsuba sabiex tipprevjeni t-tixrid potenzjali ta' mard li għandha tiġi osservata f'kull waqt mill-persuna soġġetta għal tali Ordni;

"Ordni" tfisser Ordni fir-rigward ta' Restrizzjoni ta' Moviment (Saħħa Pubblika) maħruġa mis-Superintendent skont dawn ir-regolamenti;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika kif imfissra fl-Att.

Ordni fir-rigward ta' Restrizzjoni ta' Moviment (Saħħa Pubblika).

3. (1) Meta s-Suprintendent ikollha raġuni sabiex tissuspetta li persuna tista' xxerred il-mard, tista' toħroġ Ordni bil-miktub skont dawn ir-regolamenti, li tirrestriġi l-moviment ta' tali persuna għal perjodu ta' mhux aktar minn erba' (4) ġimgħat, liema perjodu jista' jiġi estiż ulterjorment b'perjodi sussegwenti ta' erba' (4) ġimgħat, sa massimu ta' perjodu kontinwu ta' tnax (12)-il ġimgħa, għall-fini li jiġu finalizzati kwalunkwe testijiet dijanjostiċi, kif jista' jitqies meħtieġ mis-Suprintendent.

(2) Tali Ordni għandha tinħareġ mis-Suprintendent bil-miktub, bil-lingwi uffiċjali ta' Malta u għandha tistipula b'mod ċar ir-raġuni li tkun ibbażata fuqha.

(3) F'każijiet fejn il-persuna ma tifhimx il-lingwa Maltija jew Ingliża, l-Ordni għandha wkoll tiġi notifikata lill-imsemmija persuna bil-miktub jew bil-fomm b'lingwa li hija raġonevolment mistennija li tifhem.

(4) Kull estensjoni jew varjazzjoni fil-perjodu stipulat fl-Ordni għandha tiġi indikata f'Ordni riveduta.

(5) L-Ordni, il-varjazzjoni jew ir-revoka tal-istess Ordni għandhom jiġu notifikati lill-persuna suġġetta għal tali Ordni permezz ta' posta reġistrata, posta elettronika jew fiżikament minn persuna li ġiet nominata mis-Suprintendent għal dan l-għan, skont il-każ.

Kondizzjonijiet.

4. (1) L-Ordni għandu jistipula l-kondizzjonijiet meqjusa meħtieġa għall-fini tal-prevenzjoni tat-tixrid possibbli ta' mard.

(2) Persuna suġġetta għal tali Ordni maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandha matul il-perjodu kollu ta' tali Ordni tikkonforma mal-kondizzjonijiet kollha.

(3) Il-kondizzjonijiet jistgħu jiġu mibdula permezz ta' Ordni riveduta maħruġa mis-Suprintendent bil-miktub, jekk iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu.

(4) Is-Suprintendent tista' tordna li tali persuna titqiegħed taħt is-sorveljanza ta' persuna idoneja sabiex jiġi żgurat l-osservanza tal-kondizzjonijiet stipulati fl-Ordni jew fl-Ordni kif rivedut.

Jekk persuna tinstab li tbati mill-mard.

5. Meta jirriżulta li persuna tkun qed tbati minn marda li għandha tiġi notifikata, l-artikolu 29 tal-Att għandu japplika *mutatis mutandis*.

Avviż ta' Revoka.

6. (1) Is-Suprintendent għandha toħroġ minnufih, Avviż ta' Revoka lil persuna suġġetta għal tali Ordni meta, wara testijiet dijanjostiċi konklużivi, l-istess persuna titqies mis-Suprintendent li ma tkunx għadha tista' potenzjalment ixxerred mard.

(2) L-Avviż ta' Revoka għandu jiġi notifikat jew jingħata fiżikament mingħajr dewmien, skont il-każ, lill-persuna suġġetta għall-imsemmija Ordni permezz ta' posta reġistrata, posta elettronika jew fiżikament, kif jista' jiġi delegat mis-Suprintendent.

(3) Avviż ta' Revoka għandu jitqies li ġie maħruġ *ipso iure* fil-każ li l-Ordni tiskadi mingħajr l-ebda estensjoni ulterjuri.

Kontenut tal-Ordni.

7. Ordni, varjazzjoni jew kwalunkwe estensjoni sussegwenti tal-Ordni maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem tal-persuna li lilha huwa indirizzat, jekk magħruf;

(ii) in-numru ta' identifikazzjoni jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-Pulizija, kif applikabbli;

(iii) id-data tal-ħruġ;

(iv) ir-raġuni li fuqha tkun ibbażata;

(v) il-perjodu speċifikat fl-Ordni jew l-estensjonijiet tagħha, kif applikabbli;

(vi) il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu osservati; u

(vii) il-konsegwenzi f'każ ta' ksur tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmija Ordni.

Infurzar. Kap. 465.

8. Persuna li tikser Ordni jew xi kondizzjoni tagħha maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandha tkun suġġetta għal proċeduri legali skont it-Taqsima V tal-Att.

Delega.

9. Kwalunkwe setgħa mogħtija lis-Suprintendent permezz ta' dawn ir-regolamenti tista' tiġi delegata mill-istess Suprintendent lil persuna nominata.